MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2007

Citazzjoni Numru. 314/1994/2

**Vincent, Paolo, Victoria mart Mario Galea, Mary mart Paul Tanti u Lucienne xebba, ilkoll ahwa Galea bhala eredi universali tal-mejjet Grazio *sive* Grezzju Galea; u Carmela Galea mart l-istess Grazio *sive* Grezzju Galea bhala uzufruttwarja tieghu.**

**vs**

**Sammy Meilaq ghan-nom u in rapprezentanza tal-Malta Drydocks.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 13 ta' Awissu 1993 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G. Camilleri fejn gie premess:-

Illi l-atturi huma mart u wlied rispettiviment il-mejjet Grezzju Galea li miet tragikament fil-11 ta’ Novembru 1991 u skond it-testment *unica carta* datata 21 ta’ Frar 1990, innomina lil martu supperstiti b’uzufruttwarja ta’ l-assi universali tieghu u lil uliedu l-atturi eredi universali.

Illi Grezzju Galea kien impjegat mal-Malta Drydocks;

Illi fil-11 ta’ Novembru 1991, Grezzju Galea kien qed jahdem gewwa t-tarzna fuq skala imdendla mill-*crane*, u waqt li huwa kien bejn il-vapur “Rae Lanuf” u l-bacir, inqalghet fallakka li sservi ta’ *fender* u din giet fuq Grezzju Galea li ttiehed l-isptar u miet ftit tal-hin wara;

Illi minn indagini li saret jirrizulta li dan il-*fender* waqa’ ghaliex l-imsiemer li kienu jzommu f’loku tmermru, u ghalhekk fil-passat kienu waqghu diversi *fenders*, il-Malta Drydocks kienet naqset taghmel manutenzjoni ta’ dawk il-*fenders* li kienu ghadhom f’posthom;

Illi ghalhekk il-mewt ta’ Grazzju Galea giet kagunata minn negligenza da parti tal-Malta Drydocks, naqset li tiehu dawk il-mizuri ta’ “*safety*”, “*security*” necessarji ghall-harsien tal-haddiema fuq ix-xoghol;

Illi sussegwentement ghall-mewt ta’ Grazzju Galea l-Malta Drydocks hallset lill-atturi s-somma ta Lm8,639 ekwivalenti ghal tliet snin salarju, liema somma hija pagabbli bhala “*life cover*” lil werrieta ta’ l-impjegat li jkun tilef hajtu rispettivament ta’ x’kienet ir-raguni tal-mewt u ta’ fejn sehhet il-mewt illi *inoltre* l-Malta Drydocks hallset lill-werrieta ta’ Grazzju Galea s-somma ta’ Lm5,759.52,0 taht polza tat-tip “*Personal Accident*”, liema somma pero` ma gietx accettata mill-werrieta bhala “*in full and final settlement*” kif donna issa qed tippretendi l-Malta Drydocks;

Illi ghalkemm il-Malta Drydocks gew interpellati sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni shiha tad-danni sofferti b’rizultat tal-mewt ta’ Grezzju Galea, dawn baqghu inadempjenti.

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Jigi dikjarat unikament responsabbli ghall-incident f'liema Grezzju Galea tilef hajtu ghad-danni konsegwenzjali.

2. Jigu likwidati d-danni kollha sofferti mill-atturi b'rizultat ta' dan l-incident.

3. Jigi kkundannat ihallas lill-atturi dik is-somma li tigi hekk likwidata.

Bl-interessi u bl-ispejjez komprizi dawk ta' ittra ufficjali, kontra l-konvenut li hu minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta' l-atturi a fol. 4 u 5 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Sammy Meilaq *nomine* datata 4 ta' Ottubru 1993 a fol. 10 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi, l-inkompetenza ta' din il-Qorti *ratione materiae* in kwantu l-korporazzjoni konvenuta hija mpriza kummercjali u l-attivita` taghha hija esklussivament kummercjali.

2. Illi l-eccipjenti *nomine* ma jahti bl-ebda mod ghall-incident imsemmi li gara fil-11 ta' Novembru 1991 u konsegwentement ma huwa responsabbli ghall-ebda danni li setghu soffrew l-atturi.

3. Illi konsegwentement it-talbiet ta' l-atturi huma nfondati fil-fatt u fil-ligi u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom.

4. Illi bla pregudizzju ghas-sueccepit l-eccipjenti *nomine* diga` min-naha tieghu u minghajr assunzjoni ta' responsabbilta`, ikkompensa *ex gratia* lill-atturi tad-danni sofferti minnhom fl-incident fatali msemmi u ghalhekk dan il-hlas ghandu jitnaqqas minn kull ammont li jista' jigi deciz li hu dovut mill-eccipjenti *nomine*.

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tas-socjeta` konvenuta a fol. 11 u 12 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph D. Camilleri fejn fis-seduta tat-22 ta' Gunju 1994 meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri. Il-Qorti ordnat li ssir korrezzjoni fil-kunjom ta' l-attur fuq il-qoxra tal-process u l-lista billi dan ma huwiex Sant izda Galea. Il-partijiet taw ruhhom b'notifikati bir-riappuntament tal-kawza. Inghata digriet fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Anthony P. Farrugia bhala Perit Legali bl-istess inkarigu tas-soltu u ghas-spejjez provizorjament ghall-atturi. Il-kawza giet differita ghad-9 ta' Jannar 1995 ghar-relazzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Gino Camilleri tas-7 ta' Frar 1996.

Rat ir-rikorsi tal-korporazzjoni konvenuta datati 26 ta' Novembru 1997 u 5 ta' Jannar 1998 sabiex jigi nnominat perit tekniku, u d-digriet tal-Qorti ghan-notifika u sabiex il-partijiet jindikaw perit tekniku, u l-verbal tat-13 ta' Frar 1998 fejn Dr. Mario de Marco ghall-atturi nforma l-Qorti li fil-fehma tieghu ma kienx hemm skop ghal tali nomina peress li dan ma kienx incident ta' natura teknika (fol. 42).

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Mejju 1998 fejn Dr. Paul Lia insista ghan-nomina ta' persuna teknika u ssugerixxa lis-Sur Paul Cardona, u peress li Dr. Mario de Marco rremetta ruhu, l-Qorti laqghet it-talba u nnominat lill-persuna ndikata b'dan pero' illi ma jkunx necessarju li hu jattendi ghas-seduti kollha u ghandu jassisti lill-perit legali fejn in-natura teknika tal-kaz hekk tehtieg (fol. 47).

Rat ir-rikors ta' l-atturi datat 19 ta' Jannar 1999 u d-digrieti relattivi.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo datati 19 ta' Gunju 1996 sa l-avviz datat 6 ta' Mejju 1999.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna datati 10 ta' Mejju 1999 u tas-seduti l-ohra ssussegwenti nkluz dik tal-5 ta' April 2000 fejn il-Perit Legali gie ordnat jirritorna minnufih l-inkartamenti kollha (fol. 64); u seduti ohra nkluzi dawk tas-16 ta' Gunju 2000 fejn Dr. Anthony P. Farrugia gie reintegrat fl-inkarigu tieghu, u s-seduti kollha hekk presjeduti sa dik tad-9 ta' Jannar 2002 u l-avviz datat 9 ta' April 2002.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Anton Depasquale minn dik datata 9 ta' April 2002 sa dik datata 11 ta' Gunju 2002 u l-avviz datat 30 ta' Ottubru 2002 fejn l-kawza thalliet ghas-16 ta' Jannar 2003 sabiex tinstema' minn din il-Qorti diversament presjeduta (fol. 90).

Rat l-avviz datat 4 ta' Dicembru 2002 u l-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri mid-data tal-21 ta' Frar 2003 sa dik datata 22 ta' Novembru 2005 fejn il-kawza giet differita ghar-rapport.

Rat il-verbali tal-Perit Legali Dr. Anthony Farrugia pprezentat fir-Registru fit-22 ta' Mejju 2006 u mahluf *seduta stante* fis-seduta tat-8 ta' Gunju 2006, il-verbali tas-seduti minnu mizmuna, inkluz ix-xhieda kollha quddiemu prodotta, u d-dokumenti kollha pprezentata, l-istess rapport jinsab esebit minn fol. 120 sa fol. 227 tal-process.

Rat li minkejja n-nomina ta' Paul Cardona bhala perit tekniku, l-istess bl-ebda mod ma esplita l-inkarigu tieghu, tant li qatt ma ha konjizzjoni ta' l-istess process, u l-partijiet trattaw biss fuq r-rapport legali tal-perit legali u ghalhekk din il-Qorti ghall-kull effett u bwon fini tal-ligi qed

tirrevoka l-istess inkarigu peress li ma jirrizultax li hemm bzonnu.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem din il-Qorti kif illum presjeduta nkluza dik tal-10 ta' Jannar 2006; tad-19 ta' Jannar 2006, 26 ta' April 2006, 17 ta' Mejju 2006, u 8 ta' Gunju 2006 fejn Dr. Anthony P. Farrugia halef ir-rapport; ta' l-1 ta' Frar 2007 fejn Dr. Mario de Marco rrimetta ruhu ghar-rapport; tal-21 ta' Marzu 2007 meta ssejhet il-kawza deher Dr. Pawlu Lia ghall-konvenut. Dr. Mario de Marco ssejjah diversi drabi baqa' ma deherx. Dr. Pawlu Lia tratta l-kaz. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Gunju 2007.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din hija kawza fejn l-atturi qed jallegaw li fil-11 ta' Novembru 1991 Grezzju Galea li kien jahdem mad-*Drydocks Corporation* u dak il-hin kien fuq skala bejn il-vapur "Rae Lanuf" u l-bacir. Liema skala kienet imdendla ma' krejn, u fil-mument li kien hemm hekk jaghmel ix-xoghol tieghu huwa gie milqut minn fallakka li kienet qed iservi ta' *fender* tant li l-imsemmi Grezzju Galea gie mehud l-Isptar u miet ftit wara; l-atturi li huma l-eredi tal-mejjet Grezzju Galea issostnu li dan il-*fender* waqa' peress li l-imsiemer li kienu qed izommuh f'postu tmermru, u dan minhabba nuqqas ta' manutenzjoni fuq l-istess *da parte* tal-korporazzjoni konvenuta, b'dan ghalhekk li l-mewt ta' l-istess sehhet minhabba negligenza *da parte* ta' l-istess korporazzjoni konvenuta li ghalhekk jigi li naqset li tiehu dawk il-mizuri ta' *safety u security* necessarji ghall-harsien tal-haddiema fuq il-post tax-xoghol u b'hekk saret

din il-kawza sabiex l-istess entita' konvenuta tigi ddikjarata responsabbli ghall-incident li kkawza l-mewt ta' l-istess Grezzju Galea u ghal-likwidazzjoni u konsegwenti hlas ta' danni ta' l-istess.

Illi l-ewwel eccezzjoni giet deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-21 ta' Jannar 1994, u mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-14 ta' Frar 1994 u giet riappuntata ghas-smiegh quddiem Qorti ta' l-ewwel istanza fit-22 ta' Gunju 1994.

Illi dwar l-eccezzjonijiet fil-mertu min-naha tieghu l-konvenut *nomine* sostna li huwa bl-ebda mod ma kien jahti ghall-incident tal-11 ta' Novembru 1991 u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda; bla pregudizzju ssottometta li la darba l-atturi rcevew *ex gratia payment,* dan ghandu jitnaqqas minn kull ammont li jista' jigi deciz li huwa dovut mill-konvenut *nomine.*

Illi l-perit legali Dr. Anthony P. Farrugia fir-rapport tieghu datat 22 ta' Mejju 2005 ikkonkluda li l-korporazzjoni konvenuta kienet responsabbli ghall-mewt ta' l-istess Grezzju Galea u dan billi ghar-ragunijiet indikati fl-istess relazzjoni ntitolata "Livell ta' Prova – Konkluzjoni dwar ir-responsabbilita`" (fol. 225 u 226 tal-process).

Illi fil-fatt wara li din il-Qorti ezaminat il-provi kollha prodotti, inkluza x-xhieda moghtija quddiem l-istess perit legali din il-Qorti thoss li l-konkluzjonijiet ta' l-istess perit legali dwar responsabbilta' tal-mewt ta' l-imsemmi Grezzju Galea huma korretti u dan peress li jirrizulta li l-imsemmija persuna kienet qed tahdem gewwa t-tarzna fuq skala li kienet imdendla u manuvrata permezz ta' krejn minn fuq l-art, b'dan li din l-iskala kienet isservi ta' pont bejn il-vapur u l-hajt tal-Bacir numru 4;  waqt li Grezzju Galea kien qed jahdem fuq hemmhekk inqalghet fallakka li kienet qed isservi ta' *fender* (travu ta' l-injam) u din giet fuqu u b'kawza ta' l-istess huwa soffra griehi gravi li wasslu ghall-mewt tieghu.

Illi Grezzju Galea fil-fatt kien fuq din l-iskala sabiex jaghmel xoghol ta' hasil tal-genb tal-vapur b'apparat li

jissejjah *"pressure wash"* li jservi biex jitfa l-ilma taht pressjoni qawwija mal-genb tal-vapur, fil-waqt li l-genb jinbarax manwalment; kien ghalhekk li ma' Grezzju Galea kien hemm impjegat iehor Willie Borg bl-iskop li waqt li wiehed juza' l-*pressure wash* u l-iehor jobrox.

Illi minbarra minn dawn iz-zewg persuni fuq din l-iskala, li kienet manuvrata minn krejn, kien hemm bzonn ukoll zewg haddiema li jibqghu fuq l-art u jikkontrollaw ic-cima li tkun marbuta mal-iskala li l-funzjoni taghhom hi li permezz ta' l-istess cima l-iskala tibqa' wieqfa waqt ix-xoghol sabiex ma titbandalx.

Illi jidher li waqt li kien qed isir dan ix-xoghol wahda minn dawn il-*fenders* (li huma speci ta' travi kbar, wiesgha 30 centimetru, u ta' hxuna 15-il centimetru u twal hamsa punt hamsa u tnejn metri li kien imwahhal mal-genb tal-bacir permezz ta' msiemer kbar tal-hadid) li kienu jinzammu fil-lok permezz ta' seba' msiemer tal-hadid, inqalet minn postha u dan peress li hamsa mill-imsiemer li kienu qed izommuha tmermru ghal kollox u t-tnjen l-ohra rqaqu ghall- hxuna ta' ponta ta' lapes, bil-konsegwenza li l-istess *fender* giet fuq l-indikat haddiem. Dan l-istat ta' l-imsiemer gie konstatat mill-Perit Richard Aquilina li kien inkarigat mill-Magistrat inkwerenti sabiex jikkonstata l-istess incident.

Illi barra minn dan hemm ix-xhieda wkoll ta' Emmanuel Cachia (11 ta' Marzu 2002) li spjega li meta nvestiga l-incident huwa kkonferma li *fender* in partikolari ma kienx f'postu ghaliex inqala' u spejga kif l-imsiemer jew *pins* issaddu malajr minhabba l-ilma bahar u b'hekk jirqaqu u jitilfu l-iskop taghhom. Huwa veru li l-istess xhud ipprezenta rapport li jindika li l-istess travu setgha nqala' minn postu ghaliex intlaqat mill-krejn, pero' apparti l-fatt li dan huwa kontradett mix-xhieda kollha li kienu prezenti waqt l-istess incident, u in partikolari l-haddiema nnifishom li hadd minnhom ma' ghamel tali allegazzjoni, jirrizulta li dan jiskontra sew mal-konkluzjonijiet tal-Perit Richard Aquilina, izda wkoll li kif qal il-perit legali meta l-istess xhud acceda fuq il-post, la l-*fender*, la l-iskala u lanqas il-krejn ma kienu f'posthom.

Illi fuq l-istess hija relevanti l-osservazzjoni tal-perit legali fuq l-istess fejn jghid testwalment li:-

*"Hafna aktar importanti hija l-osservazzjoni tieghu taht gurament dwar l-istat ta' l-imsiemer ossia "pins" li huwa jiddiskrivi. L-ewwel nett huwa jikkonferma dak li xehed il-Perit Aquilina li ineffetti kien fadal zewg imsiemer li wiehed seta' jara li kienu ddeterjoraw u rqaqu bl-effetti tal-bahar. Xehed ukoll dwar il-mod kif il-"fenders" huma mwahhlin ma' genb il-bacir permezz ta' msiemer li jissaddu malajr minhabba l-effetti tal-ilma bahar, "jirqaqu u jintilef l-iskop taghhom".*

Illi hawn terga' issir riferenza wkoll ghall-*process verbal* fl-atti tal-Inkjesta Magisterjali konsegwenti ghall-incident mertu tal-kawza odjerna (fol. 189 sa fol. 193) tal-process fejn hemm spjegat ezatt kif gara dan l-incident u d-dinamika tieghu u li l-mewt ta' l-istess Grezzju Galea kienet ikkawzata billi ntlaqat minn wiehed minn dawn il-*fenders* li nqala' minn postu ghaliex hames mill-imsiemer li kienu qed izommuh f'postu kienu tmermru ghal kollox u dan il-*fender* kien qed izomm biss fuq l-ahhar tnejn li kienu wkoll imsadda; fl-istess rapport jinghad li *"matul iz-zmien kienu gja waqghu u naqsu diversi fenders ohra minhabba l-istat hazin li kienu jinsabu fihom".*

Illi fil-fatt fl-istess *process verbal* kien gie ndikat li proprju minhabba dan kien ikun ahjar kieku l-*fenders* kienu mwahhla b'razzi akbar u mhux biss izda li jitwahhlu bicciet ta' ktajjen li jinghaddu minn gol-fender, biex f'kaz li dan jinqatgha u jaqa', bhal ma gara, huwa jibqa' f'postu.

Illi hija sinifikanti f'dan il-kuntest il-konkluzjoni milhuqa fl-istess inkjesta fejn jinghad li *"l-incident li fih tilef hajtu Grazio Galea fil-11 ta' Novembru, 1991 kien dovut ghan-nuqqas ta' harsien mehtieg min-naha tal-Malta Drydocks ghal dak li huwa safety u security tal-haddiema fuq il-post tax-xoghol bhal dak in kwistjoni. Jidher li kien hemm indifferenza kbira meta kienu waqghu diversi fenders precedentement u ma ttiehdu ebda passi biex jigi*

*assigurat li ma jkunx hemm perikolu ghall-haddiema, bil-konsewgenza li gara l-incident tal-11 ta' Novembru 1991".*

Illi fil-fatt l-istat hazin ta' l-istess imsiemer mit-travu li waqa' u laqat lil Grezzju Galea gie kkonfermat mix-xhieda ta' l-Ispettur Tarcisio Pulis li kien l-Ufficjal Investigattiv tal-Pulizija fir-rigward ta' l-incident, tant li l-istess xehed li meta ra l-istess travu huwa kkonstata li parti mill-imsiemer tal-metal kienu msaddin jew irqaq biss.

Illi dwar il-mod kif gara l-incident hemm wkoll fl-atti processwali x-xhieda diretta ta' John Parnis u Carmel Dimech (seduti tal-5 u 20 ta' April 1995) li kienu qed joperaw c-cima flimkien u li kkonfermaw li l-istess Grezzju Galea ntlaqat bl-indikat travu jew *fender* u dik ta' George Bonnici (seduta tad-19 ta' Frar 1997) li kien qed jopera l-krejn dak in-nhar, li spjega wkoll kif sehh l-incident u kif ra lill-mejjet Grezzju Galea mindud bit-travu hdejh. Fuq kollox hemm ix-xhieda ta' William Borg (19 ta' Novembru 1997) li tispjega li l-istess Grezzju Galea waqt li kien fuq l-iskala intlaqat minn travu ezatt fuq rasu.

Illi ghalhekk fil-fatt mill-provi kollha prodotti ma hemm l-ebda dubju ta' xejn li l-istess mewt ta' Grezzju Galea giet ikkawzata minhabba li huwa waqt ix-xoghol li kien qed jaghmel gie milqut minn *fender* jew travu li nqala' minn postu peress li l-*pins* jew imsiemer li bih kien imwahhal issaddu u rqaqu bil-konsegwenza li ma setghux izommu dan it-travu f'postu u dan laqghat lill-miskin Grezzju Galea. L-entita' konvenuta ma gabet *in verita'* l-ebda prova sabiex b'xi mod tikkontrasta din l-allegazzjoni ta' l-atturi tant li mix-xhieda ta' Joseph Saliba (23 ta' Settembru 2003) ma jidher li lanqas biss huwa ma ghamel ezami fuq l-istess travu jew *fender* ghalkemm jispjega fl-affidavit tieghu kemm ghamel korsijiet dwar *safety* fuq il-post tax-xoghol u kien jokkupa meta xehed il-kariga ta' *Safety Manager*, ghalkemm meta sar l-incident huwa kien *Leading Lab Technician*. Din il-Qorti thoss li x-xhieda tieghu certament ma hija ta' l-ebda soljev ghall-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut *nomine.*

Illi minn dan kollu din il-Qorti thoss li l-incident in kwistjoni gara ghaliex l-istess entita' konvenuta naqset li tipprovdi post sekur fejn il-haddiema jistghu jaghmlu xogholhom minghajr perikolu ghal sahhithom u sahansitra ghal hajjithom, u dan kemm peress li jidher li ma kien hemm supervizzjoni ta' xejn ta' kif kien qed isir ix-xoghol u partikolarment ghal dik li l-perit legali gustament indika bhala nuqqas ta' treggija vizwali ta' kif qed titmexxa skala mdendla fl-gholi go spazju ristrett b'zewg persuni fiha li kienu qed joperaw makkinarju ta' pressjoni gholja, b'mod li min kien qed jimmanuvra l-iskala kemm bil-krejn u kemm bic-cima mal-bankina tal-bacir ma setax jara jekk kienx hemm ostakoli ghall-*cable* tal-krejn jew cima, u kif ukoll ghaliex kien hemm nuqqas ta' manutenzjoni ta' l-istess *fenders* tant li minkejja l-fatt li gie ppruvat li diversi minnhom kienu nqalghu qabel l-incident, anke peress li l-imsiemer ta' l-istess kienu jissaddu malajr, b'mod li ma jkunux b'sahhithom izjed jew bizzejjed sabiex izommu l-istess travi f'posthom, l-istess entita' konvenuta baqghet ma ghamlet xejn sabiex tirrimedja ghal dan, bir-rizultat li t-travu li laqat lil Grezzju Galea nqala' minn postu u kkaguna l-mewt ta' l-istess. Dan jammonta ghal negligenza kbira *da parte* tal-konvenut *nomine* u ma hemm xejn fl'atti ta' din il-kawza li jista' jwassal ghall-konkluzjoni ohra hlief li l-istess entita' konvenuta hija responsabbli ghall-mewt ta' l-istess persuna fuq il-post tax-xoghol taghha – xoghol li fih innifsu kien gja perikoluz, ahseb u ara meta l-madwar u l-ambjent jigi rez iktar perikoluz minhabba nuqqas ta' attenzjoni ghas-sigurta' tal-post tax-xoghol mill-entita' konvenuta.

Illi ghalhekk l-istess entita' konvenuta jirrizulta li ma pprovdietx dak li kellha tipprovdi u li tista' tigi ndikata bhala *"a safe system of work",* b'dan li ma osservatx id-dover taghha li tippovdi mezzi, apparat u ambjent  li ma jkunux ta' perikolu u riskji ghas-sahha u l-hajja tal-istess impjegat (**"Carmelo Cini vs Carmel Caccopardo nomine" - N.A. 5 ta' Ottubru 1999);** fil-fatt gie dikjarat fis-sentenza **"Borg vs Wells et nomine" (K. 9 ta' Settembru 1981)** illi *" in planning a system of work, the employer must take into account the fact that the workmen become careless in works involved in their daily*

*work”,* u dan tenut kont *“tal-atmosfera tax-xoghol, id-diffikultajiet li jsib il-haddiem fil-kors tax-xoghol tieghu…..”.*

Illi tenut kont tal-principju stabbilit fis-sentenza **“Joseph Bugeja vs Anthony Falzon” (P.A. 30 ta’ April 1997),** reitterata fis-sentenzi **“Emmanuel Grech vs Carmelo sive Charles Farrugia *et nomine*”** (Appell. 7 ta’ Dicembru 1994) u **“Keith Caruana vs Joseph Paris *et nomine*” (P.A. 12 ta’ Frar 1999)** il-Qorti sostniet li huwa obbligu ta’ min ihaddem biex jipprovdi kondizzjonijiet li jassiguraw is-sahha tal-haddiem fuq il-post tax-xoghol tieghu.

Illi fl-opinjoni ta’ din il-Qorti jirrizulta li fil-kaz *de quo* l-entita’ konvenuta naqset milli tipprovdi lill-istess Grezzju Galea bil-mezzi, l-apparat, l-assistenza u l-ambjent adegwat sabiex huwa jkun jista’ jaghmel ix-xoghol tieghu minghajr perikolu ghal sahhtu u ghal hajtu, tant li mhux bizzejjed li kien qed jaghmel xoghol perikoluz fuq tavla imdendla minn krejn u diretta minn impjegati li ma setghux kif kienu jaraw dak li kien necessarju ghat-treggija ta’ l-istess, izda wkoll li fl-ambjent fejn kien qed isir ix-xoghol kien hemm travi li minhabba li l-imsiemer li bihom kienu mwahhla kienu msadda, ir-rezistenza ta’ l-istess naqset b’mod u manjiera li ma kienux jifilhu jzommu l-istess travi f’posthom bil-konsegwenza li wiehed minnhom inqala’ u laqat lil Grezzju Galea mortalment, u dan meta dan l-istat tal-*fenders* u l-mod kif jinzammu kien wiehed maghruf lill-entita’ konvenuta ghaliex kienu nqalghu diversi travi.

Illi dawn il-principji huma konformi ma’ dak li gie deciz fit-30 ta' April, 1997 fil-kawza fl-ismijiet **“Joseph Bugeja vs Anthony Falzon *et pro et noe*”** (P.A. (N.A.) - Citaz. Numru 664/8/NA) fejn intqal hekk:-

*"Dan l-artikolu (993) fuq kwotat igib bhala wiehed mill-obbligi effett ta' dawn il-kuntratt l-obbligu ta' min ihaddem biex jipprovdi kundizzjonijiet fuq ix-xoghol li jassiguraw is-sahha tal-haddiem fl-ambjent tax-xoghol tieghu".*

Illi l-istess principji gew ikkonfermati fil-kawzi fl-ismijiet **“Emmanuel Felice vs Freeport Terminal p.l.c.”** (P.A.

(RCP) 27 ta' Gunju 2002); **"Carmel Baldacchino vs Freeport Terminal p.l.c."** (P.A. (RCP) 27 ta' Frar 2002); u **"Anton Debono vs Law Qunitano"** (P.A. (RCP) 24 ta' Marzu 2000) u **"Robert Camilleri vs Malta Shipbuilding Company Limited"** (P.A. (AJM) 26 ta' Frar 2001) fejn inghad li s-socjeta' konvenuta ghandha tinzamm responsabbli meta ma tiehux hsieb li tipprovdi ambjent li jassikura s-sahha tal-haddiem.

Illi ghalhekk, isegwi li min ihaddem ghandu l-obbligu li jizgura ruhu li l-ambjent tax-xoghol huwa tali li l-impjegati tieghu ma jkunux esposti ghal risjki inutili. Fil-kawza fl-ismijiet **"Joseph Cini vs George Wells et nomine."** (Citaz. Numru 766/93 NA) deciza fid-29 ta' Mejju 2001, intqal li min ihaddem ghandu l-obbligu u d-dmir li jipprovdi sorveljanza adegwata sabiex l-ambjent tax-xoghol ma jkunx konducenti ghal kwalunkwe forma ta' incident li jippregudika lill-impjegati tieghu.

Illi ghalhekk ma hemm l-ebda dubju li mill-gurisprudenza recenti tistabbilixxi inekwivokabbilment li min ihaddem ghandu d-dover li jara li l-post tax-xoghol ikun dejjem fi stat ragonevoli ta' sikurezza ghal min ikun qed jahdem u f'dan ir-rigward issir riferenza wkoll ghall-kawzi fl-ismijiet **"John Sultana vs Francis Spiteri et noe"** (K. 28 ta' Mejju 1979); **"Emmanuel Grech vs Carmelo sive Charles Farrugia et noe"** (A.C. 7 ta' Dicembru 1994); **"Keith Caruana vs Joseph Paris et nomine"** (P.A. 12 ta' Frar 1999) u **"Joseph Cini vs George Wells *proprio et nomine*."** (P.A. 29 ta' Mejju 2001) fejn fl-ahhar decizjoni citata inghad:-

*"illi l-konvenuti naqsu mill-obbligu taghhom li jipprovdu kundizzjonijiet fuq il-post tax-xoghol intizi biex jipprotegu s-sahha tal-haddiem. Huma kellhom jipprovdu sistema ta' supervizjoni fuq il-haddiema ntiza sabiex jigu evitati incidenti bhal ma gara fil-kaz odjern. Vide wkoll* ***"Michael Fenech vs Sammy Meilaq nomine".*** *(P.A. (DS) 23 ta' Ottubru 2001****); "John Sultana vs Francis Spiteri et nomine"*** *deciza fit-28 ta' Mejju, 1979, mill-Qorti tal-Kummerc;* ***"Emanuel Grech vs Carmelo sive Charles Farrugia et nomine"*** *(A.C. 7 ta' Dicembru 1994),*

***"Joseph Bugeja vs Anthony Falzon"*** *(P.A. 30 ta' April 1997), u* ***"Carmel Cini vs Carmel Caccopardo nomine"*** *(P.A. (NA) 5 ta' Ottubru 1999).*

Illi fil-kawza deciza minn din il-Qorti fis-16 ta' Lulju 2001 fl-ismijiet **"Julie Scicluna *pro. et. noe*. vs Sammy Meilaq *nomine et*."** (Citazzjoni numru 11/92 DS) gie ribadit li min ihaddem ghandu jipprovdi *"a safe system of work"* u *"a safe working environment".* Dan id-dover jinkludi d-dover li l-makkinarju u l-istrutturi provduti minn min jaghti x-xoghol ghandhom jigu regolarment mantenuti u mizmuma hielsa minn difetti u mankanzi u ovvjament dan japplika ghall-arblu li kellu jsir ix-xoghol fuqu mill-attur f'din il-kawza.

Illi f'din il-kawza saret referenza ghal ***Munkman*** li fil-ktieb tieghu **"Employer's Liability at Common Law"** (7th ed. 1971, Butterworths, p. 129) jelenka diversi modi kif l-*employer* jista' jonqos milli jwettaq l-obbligi tieghu:-

*"1. It may be that the employer has done nothing at all to carry out his obligations.*

*2. In the second place, the employer may have been informed of a defect or danger, but done nothing to remedy it.*

*3. Thirdly, the employer, knowing of a defect in his plant or premises, or of a danger in the course of the work, may have taken inadequate measures to eliminate and reduce the risk.*

*4. Fourthly, though the employer does not know that anything is wrong, it may be that he ought to know – that is, he could have found out by reasonable care."*

Il-Qorti apparti dan hija tal-fehma li l-korporazzjoni konvenuta fil-verita' ma tistax tirnexxi bl-eccezzjonijiet taghha meta wiehed jara ppruvat b'mod mill-iktar konsistenti n-nuqqasijiet kollha taghha f'dan l-kaz, li gew sa certu punt ikkonfermati mix-xhieda prodotti minnha stess, tant li jirrizulta li l-istess entita' konvenuta naqset li

tipprovdi mezzi adegwati sabiex ix-xoghol li kien qed jaghmel l-istess Grezzju Galea setgha jsir minghajr perikolu ghalih u wkoll naqset li tipprovdi ambjent sikur minn perikolu ghall-istess impjegat, tant li naqset li taghmel manutenzjoni dicenti fuq l-istat ta’ l-istess *fenders* anzi kien hemm indifferenza serja u traskuragini gravi fiz-zamma ta’ l-istess u dan minkejja li d-difett taghhom kien ben maghruf.

Illi dawn il-principji fuq indikati gew ribaditi wkoll fis-sentenza **“Kevin Mallia vs Alfred Mizzi & Sons (Marketing) Limited”** (P.A. (T.M.) 9 ta’ Ottubru 2003) u **“Francis Busuttil vs Sammy Meilaq nomine”** (P.A. (PS) 9 ta’ Dicembru 2002) fejn inghad illi min ihaddem ghandu d-dover li jara li l-post tax-xoghol ikun dejjem fi stat ragjonevoli ta’ sikurezza ghal min ikun qed jahdem u dan gie segwiet konstantament fil-gurisprudenza nkluz fil-kawzi fl-ismijiet **“John Sultana vs Francis Spiteri *et nomine*”** (K. – 28 ta’ Mejju 1979); **“Carmelo sive Charles Galea vs Albert Mizzi et nomine”** (A.C. – 23 ta’ April 2001) u **“Il-Pulizija vs Pawlu Spiteri”** (Vol. XLV.iv.984) fejn inghad illi huwa obbligu ta’ min ihaddem li perjodikament jara l- kondizzjonijiet ta’ l-attrezzi, apparat, makkinarju, u l-oggetti li jkunu ser jigu uzati mill-haddiema, jew li jkunu ser jahdmu fuqhom, ikunu fi stat tajjeb u ma jkunux ta’ perikolu ghall-istess haddiema u dan ghaliex jekk ma jsirx dan huwa naturali u facli li jesponu lill-istess impjegati ghall-incidenti li setghu jigu evitati kieku ma kienx hemm tali negligenza ta’ min ihaddem li jara li l-addetti tieghu jkunu qed jahdmu f’ambjent li wiehed ragonevolment kellu jqis li hu sikur. Din il-manutenzjoni ma ghandhiex issir wara li jinqala’ l-incident izda ghandha ssir dejjem sabiex jigi evitat tali incident. F’dan il-kaz din il-Qorti thoss li ma hemm l-ebda dubju li l-korporazzjoni kienet ghal kollox negligenti bil-mod kif inghad u kien tali nuqqas li tipprovdi post sikur li kkawza l-incident lill-attur.

Illi ghalhekk l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha.

Illi dwar likwidazzjoni ta’ danni jirrizulta li din ghandha tkun ibbazata fuq dak li jipprovdi l-**artikolu 1045 tal-Kap 16** u

dan ghal dak li huwa legalment maghruf bhala *damnun emergens* u *lucrum cessans.* Dwar l-ewwel tip ta’ danni ma jirrizultax li l-atturi resqu xi prova u allura ma hemmx danni f’dan is-sens x’jigu likwidati.

Illi f’dak li huwa *lucrum cessans* din il-Qorti taghmel riferenza proprju ghall-imsemmi **artikolu 1045 tal-Kap.12** li jiddisponi li:-

*“(1) Il-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha, skond id-disposizzjonijiet ta’ qabel, hija t-telf effettiv li eghmil taghha jkun gieb direttament lill-parti li tbati l-hsara, l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara, it-telf tal-paga jew qliegh iehor attwali, u t-telf ta’ qliegh li tbati ‘l quddiem minhabba l-inkapacita’ ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-eghmil seta’ jgib.*

*(2) Is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita’ tigi stabbilita’ mill-qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz u, b’mod partikolari, ix-xorta u grad ta’ inkapacita’ ikkagunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara.”*

Illi issa tenut kont ta’ dan l-**artikolu 1045** jirrizulta car li tali somma tvarja skond ic-cirkostanzi tal-kaz in ezami, u li fiha l-Qrati dejjem ghandhom certu ammont ta’ deskrizzjoni, proprju minhabba l-fatt li huma jkunu qed jezaminaw b’mod akkurat kull kaz fid-dettalji kollha tieghu.

Illi tali regoli gew supplimentati bil-principji stabbiliti fil-kawza **“Michael Butler vs Peter Christopher Heard”** (A.C. 22 ta’ Dicembru 1967) li pero’ giet aggustata ghaz-zminijiet aktar ricenti peress li kif intqal fil-kawza “**Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri et**” (A.C 16 ta’ Novembru 1983) *“ic-cirkostanzi tal-hajja anke fil-gzira taghna nbidlu konsiderevolment u l-ammonti qeghdin isiru fuq kriterji ferm differenti minn dawk li kienu jsiru ghaxar snin jew ghoxrin sena ilu”.*

Illi hekk per ezempju ghar-rigward tal-*multiplier* applikat ghall-kuncett tal-*working life expectancy of the victim* fejn qabel ic-*ceiling* qatt ma eccedda l-20, pero’ llum bis-sentenza **“Mary Bugeja *nomine et* vs George Agius**

***nomine*"** (App. 26 ta' Lulju 1991) is-sitwazzjoni tbiddlet ghaliex l-istess Qorti rrikonoxxiet illi ghalkemm is-sistema stabbilita f'**Butler vs Heard** hija dik l-iktar addatta, sakemm tinstab sistema ohra ta' komputazzjoni aktar gusta, pero' dan ma jfissirx illi "*Il-Qorti ghandha jew tista' tikkonsidra ruhha marbuta rigorozament ma' applikazzjoni tas-sistema msemmija li jorbtilha jdejha li dejjem u f'kull kaz ghandha tapplika multiplier li f'certi cirkostanzi evidentement ikun iwassal ghall-likwidazzjoni irreali jekk mhux addirittura ngusti. Fil-fehma konsiderata taghha, sistema, tkun liema tkun, hija tajba purche' thalli f'idejn il-gudikant dak il-margni ta' diskrezzjoni li hu jhoss li konformament ma' l-aspetti partikolari ta' kull kaz hu necessarju sabiex issir gustizzja".*

Illi dan gie segwit bis-sentenza "**Vincent Axisa vs Alfred Fenech et**" (P. A. 16 ta' April 1991) fejn il-Qorti sostniet illi *"din il-Qorti hija tal-fehma li ma ghandhiex tkun marbuta ma decizzjonijiet li jillimitaw il-life expectancy sa massimu ta' ghoxrin sena",* u tali principju gie konsistentement segwit u zvilluppat mill-gurisprudenza nostrali tenut kont dejjem tac-cirkostanzi kollha tal-kaz in partikolari, w inkluz *'changes and chances'* tal-hajja b'dan li l-Qorti ma ghandha tkun qatt marbuta ma "*xi massimu gia stabbilit sallum li, fl-ahhar mill-ahhar, huwa dejjem arbitarju w opinjonistiku".* ("**Karen Zimelli vs Michael Sammut**" - P.A.) ("**Anna Debono vs Law. Quintano Foodservice Limited gia' Pre Pacj Limited**" - P.A. (RCP) 24 ta' Marzu 2000) u **"Francis Meilaq et vs Brian Bonnici"** (A.C. – 27 ta' Frar 2003).

Illi din it-tendenza giet segwita f'diversi sentenzi fosthom "**Jacqueline Cassar vs Joseph Buhagiar et**" (P.A. 1.3.1992); "**Duncan Vassallo vs Khalid Schwej**" (P.A. 8 ta' Marzu 1996); "**Robert Barbara vs Saviour Galea**" (P.A. 11 ta' Ottubru 1996); "**Susan Davies vs Anthony Galea** (P.A. 10 ta' Ottubru 1997); "**Joseph Attard vs Carmelo D'Amato**" (P.A. (N.A.) 5 ta' Ottubru 1999); "**George Gatt vs Francis E. Carbone**" (App. 7 ta' Lulju 1998); "**Anthony Turner et vs Francis Agius et**" (G.C.D. 17 ta' Frar 1998); "**Arthur Bonello *nomine* vs James Camilleri *et***" (J.S.P. 13 ta' Jannar 1998), fejn ghalhekk il-

*multiplier* gie aggustat sabiex jirrifletti r-realta' odjerna, u aspettattiva iktar ekwa u konformi mal-gustizzja effettiva.

Illi f'kaz ta' mewt il-posizzjoni odjerna hija dik kif stabbilita fis-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **"Anthony Turner et vs Francis Agius"** (A.C. 28 ta' Novembru 2003) fejn inghad:-

*"Il-Qorti trid mill-gdid taghmilha cara li f'kazi bhal dawn ma tezisti l-ebda formula magika, specjalment meta l-akkadut ikollu konsgwenzi fatali. Tifhem ukoll li hemm differenza f'sitwazzjoni fejn si tratta ta' mewt ta' kap ta' familja li minnu din tkun qed tiddependi direttament, ghal xi sitwazzjoni ohra fejn invece ghaz-zamma u ghixien taghha si tratta ta' membru iehor ta' familja………Din il-Qorti jidhrilha li ma hemmx ragunijiet bizzejjed biex f'dan il-kaz taddotta linja ta' kalkolu differenti ghal fini ta' kumpens, minn kif stabbilit fil-maggoranza ta' kazi simili".*

Illi l-Qorti thoss li fic-cirkostanzi l-istess gurisprudenza ghandha tigi applikata ghall-*fattispecie* tal-kaz odjern u dan fis-sens li ghandu jinzamm l'hekk imsejjah bilanc bejn il-principju tal-hajja lavorattiva ma' dak tac-*"chances and changes of life"* li ghandhom jghinu biex jiddeterminaw il-*multiplier* skond id-decizjonijiet l-aktar ricenti nkluzi dawk ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, u tenut kont li fid-data tal-mewt Grezzju Galea kellu 56 sena, l-*multiplier* adoperat ghandu jkun ta' 7 snin, tenut kont anke ta' l-izviluppi ricenti u l-aspettativa tal-hajja tal-bniedem illum, u wkoll il-fatt li d-*decujus* ma kenitx ser tispiccalu hajtu malli jaghlaq il-61, u b'hekk din il-Qorti thoss li tali *multiplier* huwa wiehed aktar addattat ghall-kaz in ezami.

Illi hekk mahduma din twassal ghas-segwenti kalkolu tad-danni sofferti fil-kaz tat-telf ta' hajja ta' dan il-bniedem, u dan dejjem skond il-binarju stabbilit fil-gurispridenza l-aktar ricenti nkluza dik fil-kawza fl-ismijiet **"Laura mart Emanuel Formosa et vs Emanten Spiteri et"** (P.A. (TM) – 28 ta' April 2005) inkluzi dik ta' **"Micallef St. John vs Spiteri et"** (A.C. 15 ta' Jannar 2002) u din il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi ghandha wkoll timxi fuq l-istess insenjamenti, nkluz dwar *multiplier* b'riferenza ghall-kawzi

**“Saviour Sammut et vs Robert Demanuele”** (P.A (GV) - 12 ta’ Lulju 2002) u **“Yvonne Cassone *proprio et nomine* vs Alfred Calamatta *et*”** (P.A. (TM) – 7 ta’ Lulju 2004) u **“Amabile Azzpardi vs Anthony Xuereb”** (P.A. (DS) 14 ta’ Jannar 2004) u b’dan li s-somma li tirrizulta wara li jsir l-imsemmi ezami hija s-segwenti fis-sens li ser timxi fuq l-ammont ta’ Lm5,000 (inkluz il-*multiplicand*) izda kif inghad minhabba n-natura tal-kaz il-*multiplier* ghandu jkun ta’ 7 snin u minn tali ammont jitnaqqas dak l-ammont indikat ghal *self consumption* u b’hekk ir-rizultat ta’ l-istess jammonta ghas-segwenti:-

(Lm5,000 x 7 x 75% = Lm 26,250).

Illi tenut kont li l-atturi gja kienu rcevew l-ammont ta’ Lm5,792.52, u ghalhek dan l-ammont ghandu jitnaqqas mill-ammont hawn indikat (Lm26,250 – Lm5,792.52 = Lm20,457.48, li minnhom ma ghandu jsir l-ebda tnaqqis ghal-*lump sum payment* u dan minhabba li l-incident in kwistjoni ilu li gara mis-sena 1991 apparti dak ritenut fis-sentenzi fuq citati dwar l-istess inkluz fil-kawza **“Gerhard Kruger vs Paul Bondin”** (P.A. (JRM) – 4 ta’ Novembru 2004).

Illi ghalhekk it-tieni u t-tielet talba attrici ghandhom jigu milqguha fl-ammont ta’ Lm20,457.48.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut *nomine* biss in kwantu l-istess huma nkonsistenti ma’ dak hawn deciz, **tilqa’ t-talbiet attrici** b’dan illi:-

1. Tiddikjara lill-entita’ konvenuta unikament responsabbli ghall-incident f’liema Grezzju Galea tilef hajtu u ghad-danni konsegwenzjali.

2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-atturi b’rizultat ta’ dan l-incident u dan fl-ammont ta’ ghoxrin elf, erba’

mija u sebgha u hamsin lira Maltija u tmienja u erbghin centezmu (Lm20,457.48).

3. Tikkundanna lill-entita' konvenuta thallas lill-atturi l-ammont ta' ghoxrin elf, erba' mija u sebgha u hamsin lira Maltija u tmienja u erbghin centezmu (Lm20,457.48) kif hekk likwidata.

Bl-interessi mid-data tas-sentenza sa l-effettiv pagament u bl-ispejjez komprizi dawk ta' ittra ufficjali, kontra l-konvenut *nomine*.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------